28 ta' Novembru, 1951.

Imhallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Nazzareno Saliba *versus* Maria Vella

**Patria Potestà — Emanċipazzjoni —**
**Art. 154, 155, 156 (1) u 176 (d) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-missier li għandu l-patria potestà fuq ibnu għandu d-dritt li jżomm miegħu lil dak ibnu u li jirrikjamah minn għand terzi persuni li ma għandhomx jedd fuqu. U meta l-missier jeżerċita l-azzjoni għar-rikjam ta' ibnu, ma għandux bżonn isejjah fil-kawża anki lil dak ibnu.*

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid li l-patria potestà tispiċċa "ipso jure" jekk it-tifel, bil-kunsens ta' missieru, jitlaq mid-dar u jmur joqgħod għal rasu, għandha tiġi nterpretata fis-sens illi, biex jirrikorri dan il-każ, hemm bżonn li t-tifel ikun fil-fatt kapaċi jgħix ekonomikament indipendenti mill-ġenituri tiegħu, jiġifieri li jkun emanċipat "di fatto".*

*Il-fakoltà mogħtija mill-liġi lill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja li, għal raġuni tajba, u mingħajr ma jsemmi din ir-raġuni, tagħti s-setgħa lit-tifel li jitlaq minn dar missieru, hija eżerċibili fil-konkors ta' ċirkustanzi gravi.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, li biha l-attur, wara li qal li l-konvenuta qiegħda żżomm magħha lil bin l-attur Carmelo sive Charles Saliba, minorenni, u li rrifjutat illi tikkonsenjah lill-attur non ostanti li talabha ripetutament, talab li l-konvenuta tiġi kundannata tikkonsenja l-imsemmi tifel lill-attur *fi żmien qasir u perentorju*; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

Rat in-nota ta' l-*eċċezzjonijiet* tal-konvenuta, li biha qalet li *skond l-art.* 176 (d) *tal-Kodiċi Civili* l-attur ma għandux setgħa fuq ibnu Carmelo Saliba, għaliex dan bil-kunsens ta' missieru ilu minn żmien twil separat minnu jgħix mal-konvenuta, u billi t-tifel għandu sittax-il sena u assolutament ma jridx iħalli lill-konvenuta li rabbietu mindu kellu erba' snin (dok. A). B'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fil-15 ta' Novembru 1951, li biha ġiet milqugħa t-talba, u l-konvenuta ġiet kundannata tikkonsenja t-tifel in kwistjoni fi żmien jumejn lill-attur; mingħajr taxxa ta' l-ispejjeż, bid-dritt tar-Reġistru għall-konvenuta; wara li kkunsidrat;

Illi *mill-provi jidher li t-tifel* in kwistjoni *għandu sittax-il* sena u ġie mrobbi, minn mindu kellu erba' snin, mill-konvenuta;

Illi skond il-liġi, it-tifel in kwistjoni għadu suġġett għall-patria potestà ta' missieru, għalkemm hija ħaġa ta' gravità moralì kbira għall-konvenuta li tħalli issa, wara li rabbietu, lit-tifel in kwistjoni;

Illi d-dispost imsemmi u ċitat mill-konvenuta mhux applikabili għall-każ, l-għaliex l-*istess, rettament u ġustament interpretat, jimporta li t-tifel minuri hemm* kontemplat ikun telaq bil-kunsens ta' missieru mid-dar paterna biex igħix għal rasu l-għaliex, non ostanti l-età tiegħu, ikun fil-fatt kapaċi jgħix ekonomikament indipendenti mill-ġenituri tiegħu;

Illi ma hemmx kwistjoni illi t-tifel in kwistjoni huwa dipendenti ekonomikament mill-konvenuta u ma ġiex bl-ebda mod emanċipat, u huwa stess, meta ġie minn ommu rikjamat fid-dar ta' missieru, billi qaltlu li bil-liġi hija kienet tirbħu, huwa rrispondiha li jekk kien hekk kien imur magħhom — dak li juri li l-għażla li jitlaq mid-dar ma kienetx tiddependi minnu, l-għaliex kieku kien jinsisti biex igħid li huwa telaq

in forza ta' dik l-għażla li dwarha l-attur ma jistax jerġa' lura. Del resto, huwa ġie konfidat lill-konvenuta meta kellu erba' snin jew erba' snin u nofs;

Illi ladarba ma tilefx id-drittijiet tal-patria potestà fuq it-tifel in kwistjoni, it-talba tiegħu hija ġustifikata;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuta, u rat il-petizzjoni tagħha, fejn talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi miċħuda d-domanda attriċi, bl-ispejjeż kollha tażżewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-konvenuta, li biha eċċepiet l-irritwalità tal-ġudizzju peress li l-l-prinċipal interessat fil-kawża, ċjoè, il-minuri Charles Saliba, mhux rappreżentat fiha, u tinsisti biex dana jiġi msejjaħ fil-kawża skond il-liġi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-eċċezzjoni ta' l-irritwalità opposta f'dan l-istadju mill-appellanti mhix aċċettabili; għaliex l-azzjoni eżerċitata hija dik li tmiss id-dritt tal-patria potestà kompetenti lill-appellat fuq ibnu minuri Charles, u derivanti lilu dak id-dritt mil-art. 154 u 155 tal-Kodiċi Ċivili. Infatti b'din il-kawża l-attur mhux qiegħed jitlob ħaġ'oħra ħlief li ibnu minuri jiġi lilu konsenjat, billi bis-saħħa tal-patria potestà għandu dritt li jżommu miegħu u ma jibqax ma' terzi persuni. Fil-każ ċitat mill-appellanti, u riportat fil-Volum VIII, paġ. 66, tal-Kollezzjoni, l-azzjoni kienet ġiet eżerċitata mill-omm, li ma kellhiex id-drittijiet tal-patria potestaà. Jingħad ukoll illi, fil-fehma tal-Qorti, l-azzjoni eżerċitata mhix fuq interess antitetiku għal dak ta' ibnu minuri Charles sive Carmelo Saliba, iżda tirrigwarda pretensjoni ta' terza persuna, li hija l-konvenuta appellanti, li fuq l-imsemmi tifel ma għandha l-ebda setgħa;

Għaldaqshekk tirrespinġi l-imsemmija eċċezzjoni ta' l-irritwalità, bl-ispejjeż kontra l-appellanti Maria Vella;

Ikkunsidrat;

Illi fil-meritu tnejn huma l-motivi li fuqhom jinsab bażat dan l-appell, jiġifieri:— (1) L-interpretazzjoni ħażina mogħtija mill-Ewwel Qorti lid-dispożizzjoni ta' l-art. 176 (d) tal-Kodiċi Ċivili; u (2) in-nuqqas ta' l-applikazzjoni mill-is-

tess Qorti tad-dispożizzjoni ta' l-art. 156 (1) ta' l-istess Kodiċi, li l-appellanti tippretendi li tagħmel għall-każ;

*Ikkunsidrat*;

Illi kwantu għall-ewwel motiv, id-dispożizzjoni tal-liġi invokata mill-appellanti (art. 176 (a)) tgħid li l-patria potestà tispiċċa "ipso jure" jekk it-tifel, bil-kunsens ta' missieru, jitlaq mid-dar ta' missieru u jmur igħix għal rasu. It-test Ingliż tal-liġi huwa iżjed sinjifikativ, u jgħid li t-tifel irid ikun "set up a separate domestic establishment" — dak li jfisser li s-"separate domestic establishment" irid jiġi mwaqqaf minnu u bil-ħila tiegħu. Għalhekk sewwa interpretat l-Ewwel Qorti dik *id-dispożizzjoni* tal-liġi, meta qalet li, biex jirrikorri l-każ fl-istess dispożizzjoni kontemplat, hemm bżonn li t-tifel ikun fil-fatt kapaċi jgħix ekonomikament indipendenti mill-ġenituri tiegħu, jiġifieri jkun emanċipat "di fatto";

Ikkunsidrat;

Illi kwantu għat-tieni motiv, il-fakoltà mogħtija lill-Qorti mid-dispożizzjoni ta' l-ewwel inċiż ta' l-art. 156 tal-Kodiċi ċivili hija eżerċibili biss fil-konkors ta' ċirkustanzi gravi; li f'dan il-każ ma jirriżultawx (ara *Kollezzjoni, Vol.* XIII. paġ. 390);

Għar-raġunijiet fuq miġjuba u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-konvenuta appellanti; b'dan li t-terminu ta' jumejn b'dik is-sentenza prefiss għandu jibda jgħaddi millum.